MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 302/1993/2

**John Bonello bhala Chairman ta', ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Malta Export Trade Corporation Limited, u b'digriet tat-30 ta' Awwissu 2012 l-Intrapriza ta' Malta assumiet l-atti tal-kawza minflok John Bonello bhala Chairman ta', ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Malta Export Trade Corporation Limited**

**v.**

**John Ripard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Limited sew proprju kif ukoll bhala agenta ghan-nom tan-Norasia Lines, u b'digriet tat-18 ta' Gunju 2013 John Ripard & Son**

**(Shipping) Limited (C20097) assumiet l-atti bhala s-successur ta' Norasia Agencies (Malta) Limited proprio u bhala agenta ta' Norasia Lines;**
**Carmelo Galea u Alfred Pollacco ghan-nom u in rapprezentanza ta' Valletta Freight Services Limited (C-3478), sew proprju kif ukoll bhala agenta ghan-nom tal-United Arab Shipping Company (S.A.G)**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezentaw l-atturi fil-11 ta' Marzu 1993, u li taqra hekk:

"Billi l-atturi kienu nkarigaw lis-socjeta' Norasia Agencies (Malta) Limited fil-kwalita' taghhom ta' agenti ta' Norasia Lines biex iggorulhom minn Malta ghal Dubai l-merkanzija murija fl-elenku hawn ezebit sabiex l-istess tkun tista' tintuza fil-fiera li kellha tinzamm f'Dubai bejn l-24 ta' Novembru, 1992, sat-30 ta' Novembru, 1992;

"Billi l-atturi kienu gew informati mill-istess Norasia Agencies (Malta) Limited li sabiex il-merkazija tkun waslet Dubai fid-data tal-fiera, dawn kienu ser igorruha mal-vapur Noarsia Singha li kellu jitlaq minn Malta fl-4 ta' Novembru, 1992;

"Billi sussegwentement ghall-ahhar t'Ottubru 1992, l-atturi kienu gew informati li dan il-vapur ma kienx sejjer ikun disponibbli ghax kien involut f'kollizzzjoni:

"Billi sadanittant is-socjeta' attrici kienet ga lestiet ghall-garr zewg *containers* markati numri ITLU 5387870, GSTU 9046630;

"Billi fid-29 ta' Ottubru, 1992, il-konvenuti Norasia Agencies (Malta) Limited informaw lill-atturi li kienu sabu vapur iehor li kien ser imur Dubai fl-istess dati tal-vapur precedenti:

"BIlli ghalhekk fl-istess data ta' l-atturi issupplew lill-konvenuti Norasia Agencies (Malta) Limited bl-*invoices* u *packing lists* hawn ezibiti sabiex dawn jippreparaw id-

dokumenti tad-Dwana w id-dokumenti marrittimi mehtiga ghall-garr;

“Billi fit-30 ta’ Ottubru, 1992 l-konvenuti Norasia Agencies (Malta) Limited ippreparat id-dokumenti kollha mehtiega ghall-garr tal-merkanzija li kellha tingarr mal-vapur maghruf bhala “Al-Wajba” operat mill-United Arab Shipping Company ta’ liema’ socjeta’ Valletta Freight Services Limited huma l-agenti lokali:

“Billi fit-2 ta’ Novembru, 1992, iz-zewg *containers* fuq imsemmija gew siggillati mill-awtoritajiet tad-Dwana u konsenjati lill-Malta Freeport, lesti ghall-garr.

“Billi fit-3 ta’ Novembru, 1992, is-socjeta’ konvenuta Valletta Frieght Services Limited emettiet il-polza tal-karigu hawn ezebita u dan bhala agenta tas-socjeta’ United Arab Shipping Company Limited (SAG) minn fejn jirrizulta li l-merkanzija tal-atturi kienet tghabbiet fuq il-vapur Al-Wajba sabiex tingarr ghal-Dubai;

“Billi fl-istess dati s-socjeta’ konvenuta Norasia Agencies (Malta) Limited emmettiet kontra l-istess polza tal-karigu ohra li kienet turi l-istess, b’dan li s-shipper kien muri bhala il-Malta Export Trade Company Limited;

“Billi l-vapur Al-Wajba wasal Dubai fis-16 ta’ Novembru, 1992;

“Billi meta l-atturi marru flimkien ma’ l-agenti taghhom f’Dubai fit-19 ta’ Novembru, 1992, biex jigbru l-*containers* kontententi l-merkanzija taghhom fil-port ta’ Dubai irrizultalhom li dawn il-Containers ma kienux hemm ghax ma kienux gew mghobbija minn Malta fuq il-vapur Al-Wajba;

“Billi ghalhek il-polza tal-karigu emessi mill-konvenuti Valletta Freight Services Limited bhala agenti tal-United Arab Shipping Company Limited (SAG) u mill-Norasia Agencies (Malta) Limited bhala agenti tal-Norasia Line kienu foloz u qarrieqa;

"Billi bhala rizultat ta' dan, l-atturi soffrew danni konsistenti fl-ispejjes zejda minnhom inkorsi sabiex igorru il-merkanzija fuq imsemmija ghal-Dubai fi zmien utli biex ilahhqu 'il fuq imsemmija fiera;

"Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti, flimkien, jew min minnhom, ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

"1. tiddikjara l-poloz tal-karigu emessi mill-konvenuti kif fuq inghad bhala foloz, qarrieqa u veritjieri;

"2. konsegwentement tiddikjara responsabbli lill-istess konvenuti ghad-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba l-fatt tal-emissjoni ta' l-istess poloz, kif ukoll minhabba in-nuqqas ta' l-istess konvenuti li jgorru u jikkonsenjaw il-merkanzija tal-atturi fi zmien stipulat hawn inghad:

"3. tillikwida l-istess danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u

"4. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni hekk likwidati.

"Bl-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut.

"Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Ripard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd bhala agenta ghan-nom tan-Norasia Lines li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni in vista tal-klawsola numru 28 tal-polza tal-kargu numru VLT/ DXB01 tan-Norasia Line;

"2. illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-meritu, l-esponenti agixxa skond u fil-limiti tal-mandat li kellu bhala intermedjarju bejn min efffettivament garr u s-socjeta' attrici; u ghalhekk mhux responsabbli ghal kwalunkwe telf li setghet soffriet is-socjeta' attrici;

“3. illi minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, r-responsabbilta’ finali hi tal-konvenuti Carmelo Galea u Alfred Pollacco noe stante li dawna hargu a favur ta’ Norasia Agencies (Malta) polza tal-kargu li fiha kien konfermat li l-merkanzija kienet tghabbiet abbord il-vapur “Al Wayba” fit-3 ta’ Novembru 1992 u kien a bazi ta’ din il-konferma li n-Norsia Line harget il-polza tal-kargu taghha;

“4. salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Ripard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd proprio li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Illi in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni in vista tal-klawsola numru 28 tal-polza tal-kargu numru VLT/ DXB01 tan-Norasia Line;

“2. illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-meritu, l-esponenti agixxa skond u fil-limiti tal-mandat li kellu bhala intermedjarju bejn min efffettivament garr u s-socjeta’ attrici; u ghalhekk mhux responsabbli ghal kwalunkwe telf li setghet soffriet is-socjeta’ attrici;

“3. illi minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, r-responsabbilta’ finali hi tal-konvenuti Carmelo Galea u Alfred Pollacco noe stante li dawna hargu a favur ta’ Norasia Agencies (Malta) polza tal-kargu li fiha kien konfermat li l-merkanzija kienet tghabbiet abbord il-vapur “Al Wayba” fit-3 ta’ Novembru 1992 u kien a bazi ta’ din il-konferma li n-Norsia Line harget il-polza tal-kargu taghha;

“4. salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Galea u Alfred Pollacco ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Valletta Freight Services Ltd sew proprio kif ukoll bhala agenta ghan-nom tal-United Arab Shipping Company (S.A.G) li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-eccipjenti noe huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, l-ewwelnett ghax qatt ma ezistiet relazzjoni guridika bejn l-attur noe u l-eccipjenti noe ghax ir-relazzjoni guridika li kellu l-attur noe kien mal-konvenut noe John Ripard u mhux mas-socjeta' minnhom rappresentata. Di fatti kien il-konvenut Ripard noe. li emetta il-Bill Of Lading favur is-socjeta' attrici bhala "Shipper".

"2. Illi kien nuqqas u traskuragni tas-socjeta' l-ohra konvenuta illi l-*containers*, de quo ma tghabbewx fuq il-vapur rapprezentat mill-eccipjenti noe, billi dawn hallewhom fuq l-"*stack"* tan-Norasia u ma hadux hsieb li jittrasferuhom ghall-''stack'' tal-United Arab Shipping Company.

"3. Illi l-eccipjenti nomine rrifondew il-*freight* imhallas lilhom ghall-din il-merkanzija lis-socjeta' konvenuta ohra, li irriliaxxjat il-merkanzija mill-gdid lill-attur nomine biex ikun jista' jsifirha b'mezz ta' trasport iehor. Dan juri li l-merkanzija kienet il-hin kollu u baqghet taht il-kontroll effettiv tas-socjeta' l-ohra konvenuta fil-Freeport Stack.

"4. Illi f'kull kaz, kien dover ta' l-atturi li jimminimizzaw id-danni fic-cirkostanzi u dawn qatt ma kisbu l-kunsens u approvazzjoni tal-eccipjenti nomine biex jibghatu l-merkanzija bl-ajru lejn Dubai.

"5. Illi f'kull kaz, anki kieku l-eccipjenti nomine kienu b'xi mod responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur nomine, li m'humiex, huma jkunu biss responsabbli ghac-CIF Value tal-merkanzija, u stante li hawn si trattava ta' "exhibition goods" dawn jista' jkollhom biss valur negligibbli. La s-socjeta' Valletta Freight Services Ltd u lanqas is-socjeta' United Arab Shipping Company, ma jistghu qatt jigu ritenuti responsabbli ghal xi danni ohra kkonsegwenzjali, kif qed jippretendi l-attur noe, jew ghal xi spejjez zejda li gew inkorsi minghajr l-approvazzjoni tal-eccipjenti noe.

"6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-imsemmija Gaba u Pollacco pro et noe fejn eccepew in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin stante klawsola arbitrali fil-Bill of Lading;

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Gunju 1997, fejn iddecidiet illi ma kienx hemm lok li tintlaqa' l-eccezzjoni ta' difett ta' gurisdizzjoni sollevata mill-konvenut John Ripard noe, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza; bl-ispejjez kontra l-konvenut eccipjenti;

Rat is-sentenza preliminari li tat din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru 1997 li in forza taghha kkonfermat ic-cahda tal-eccezzjoni ulterjuri fejn giet eccepita n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dawn il-qrati u kkonfermat il-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin li jisimghu u jiddeciedu din il-kawza; bl-ispejjez kontra l-eccipjent;

Rat is-sentenza wkoll preliminari li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Marzu 2006 li in forza taghha ddecidiet li l-ligi applikabbli hija dik Maltija ghar-rigward it-talba tal-attur nomine; spejjez ghall-konvenuti;

Rat li minn din is-sentenza ma giex intavolat appell;

Rat is-sentenza finali li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Novembru 2008, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"1. Tillibera lis-socjeta` konvenuta Norasia Lines mill-osservanza tal-gudizzju.

"2. Tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Norasia Agencies (Malta) Limited u Valletta Freight Services Limited proprio et nomine fit-totalita` taghhom;
"3. Tiddikjara l-poloz tal-karigu emessi mill-konvenuti Norasia Agencies (Malta) Limited u Valletta Freight Services Limited bhala foloz, qarrieqa u mhux veritjeri;

“4. Konsegwentement tiddikjara responsabbli lis-socjetajiet konvenuti Norasia Agencies (Malta) Limited, Valletta Freight Services Limited u United Arab Shipping Company (S.A.G.) ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici minhabba l-fatt ta’ l-emissjoni ta’ l-istess poloz, kif ukoll minhabba n-nuqqas ta’ l-istess konvenuti li jgorru w jikkonsenjaw il-merkanzija tal-atturi kif miftiehem;

“5. Tilllikwida l-istess danni fis-somma ta’ Lm24,000 ekwivalenti ghal-€55,904.96;

“6. Tikundanna lill-konvenuti Norasia Agencies (Malta) Limited u Valletta Freight Services Limited u United Arab Shipping Company (S.A.G.) sabiex solidalment bejniethom ihallsu d-danni hekk likwidati;

“Bl-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenuti Norasia Agencies (Malta) Limited u Valletta Freight Services Limited u United Arab Shipping Company (S.A.G) in solidum bejniethom, ad eccezzjoni tal-ispejjez tas-socjeta` Norasia Lines li ghandhom jigu sapportati mis-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Limited.

“L-imghaxijiet fuq is-somma ta’ danni likwidata ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni odjerna.”

Dik il-Qorti tat din l-ahhar sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi din il-kawza imxiet ma’ kawza ohra Citazzjoni Nru. 1514/1993 fl-ismijiet **Ivan Bartoli nomine vs John Ripard nomine et** li tinsab differita ghal-lum stess ghas-sentenza. Kien hemm qbil bejn il-partijiet illi l-provi li jinstemghu fl-imsemmija kawza jaghmlu prova anke fil-kawza odjerna. (ara fol 40 u 90 fil-kawza Citaz 1514/93).

“Illi fuq il-fatti principali sakemm gew issigillati l-containers in kwistjoni u tpoggew il-Freeport jidher li m’hemmx kontestazzjoni da parti tal-partijiet in kwantu huma qed jaqblu illi s-socjeta attrici inkarigat lis-socjeta` konvenuta Norasia Agencies (Malta) Limited sabiex tittrasportalha

zewg containers lejn Dubai fuq vapur tan-Norasia Lines. Mhux kontestat ukoll illi l-vapur li kien destinat biex jittrasporta din il-merkanzija kellu xi incident u ghalhekk ma kienx se jasal Malta fil-perjodu mixtieq.  Ghalhekk is-socjeta konvenuta Norasia Agencies (Malta) Limited ghamlet arrangamenti mas-socjeta konvenuta l-ohra Valletta Freight Services Limited sabiex jittrasportaw huma l-istess merkanzija fuq vapur tal-United Arab Shipping Company Limited u cioe fuq il-vapur Al-Wajba.

“Illi mhux kontestat ukoll illi l-merkanzija in kwistjoni ma waslitx fid-destinazzjoni taghha, u cioe Dubai, stante li l-istess containers baqghu  Malta, precizament fuq l-*istack* li n-Norasia Lines ghandha fil-Freeport u ma tghabbewx. L-istess merkanzija ghalhekk kellha tigi mibghuta bl-ajru lejn Dubai stante li kienet intenzjonata li tigi esebita fil-Fiera ta’ Dubai u li l-ebda vapur ma kien se jirnexxielu jaghmel it-tragitt sad-data stabbilita biex isiru l-preparamenti ghall-istess Fiera.

“Il-punt in kontestazzjoni huwa min hu responsabbli ghad-danni rizultanti min-nuqqas ta’ garr u konsenja tal-containers in kwistjoni sa Dubai, kif originarjament mifthiem.

**“Konsiderazzjonijiet**

“Illi f’din l-operazzjoni kummercjali kien hemm diversi partijiet u cioe il-METCO, in-Norasia Agencies (Malta) Limited proprio u bhala agenta tan-Norasia Lines u l-Valletta Freight Services Limited proprio u bhala agenta tal-United Arab Shipping Company.

**“Relazzjoni guridika**

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li l-atturi kienu qabbdu lill-konvenuti Norasia Agencies (Malta) Limited bhala carriers biex jittrasportawlhom iz-zewg containers in kwistjoni fuq vapur tan Norasia Lines. Ghalhekk ma hemmx dubbju li kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn l-atturi u l-konvenuti Norasia Agencies (Malta) Limited.

“Fl-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Valletta Freight Services Limited propio et nomine gie eccepit illi qatt m’ezistiet **relazzjoni guridika** ma’ l-attur nomine ghax ir-relazzjoni guridika li kellu l-attur nomine kienet mas-socjeta` konvenuta Norasia Agencies (Malta) Limited u mhux mas-socjeta’ Valletta Freight Services Limited.

“Illi d-deduzzjoni ta’ konvenut f’gudizzju trid, necessarjament, titwieled minn rapport guridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, lezjoni ta’ dritt minn intervent delittwuz jew akwiljan, *ope successionis* jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad ezempju, f’ kondominju jew il-krejazzjoni ta’ certi servitujiet). Li jfisser, b’konsegwenza, illi kawza ma tkunx tista’ tikkonsegwi l-iskop taghha jekk mhux fil-konfront ta’ dak li mieghu l-attur, ghal xi wahda mill-konnessjonijiet accennati, ghandu relazzjoni guridika. Naturalment, l-accertament ta’ din ir-relazzjoni jrid isir fuq il-bazi tal-*petitum* u, cjoe, tar-rizultat persegwit fil-gudizzju mill-attur bit-talba tieghu.[1] F’dan il-kaz l-attur nomine qieghed jitlob, *inter alia*, l-hlas ta’ danni in konnessjoni mat-trasport marittimu ta’ merce f’ *containers* minn Malta ghal Dubai fuq vapur li taghha l-Valletta Freight Services hija agent.

“Evidentement, l-azzjoni li biha s-socjeta` attrici qeghda tikkonsegwixxi dan id-dritt taghha ghar-reklam tad-danni hi derivanti mill-poloz tal-kariku allegatament foloz u qarrieqa. Fihom jinsab specifikat min hu l-mittenti, l-isem tal-konsenjatarju, id-deskrizzjoni tal-merkanzija mghobbija fil-*container* trasportat bil-vapur u l-isem tal-vettural. Kollox taht it-timbru u firma tas-socjetajiet konvenuti.

“In tema legali hi disposizzjoni espressa tal-Kodici tal-Kummerc, Artikolu 325, illi l-imsemmija polza tal-kariku taghmel prova tar-rapport intercedenti bejn il-partijiet kollha interessati fit-taghbija. Ir-relazzjoni guridika f’ dan il-kaz, u allura wkoll il-litis konsorsju li ghandu jwiegeb ghat-talba, tiddependi mill-ezistenza ta’ dik is-sitwazzjoni guridika partikolari kostitiwta mill-polza u minn normi tal-

[1] **Focal Maritime Services Limited vs Top Hat Company Limited** – App. Inferjuri 9 ta’ April 2008

ligi surreferiti applikabbli ghaliha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, illi r-rapport intervenut bejn il-partijiet bis-sahha ta' dik l-istess polza kien wiehed li jimmira ghall-produzzjoni ta' effetti guridici fl-ambitu tad-drittijiet. Dan ghaliex  il-polza tal-karigu kienet prova qawwija ta' dik il-manifestazzjoni tal-volonta mahsuba ghall-kuntrattazzjoni ta' bejniethom, u, allura wkoll, ghall-produzzjoni ta' certi konsegwenzi guridici.

"Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur nomine kien gustifikat li jiccita fil-kawza odjerna anke lil Valletta Freight Services Limited proprio u kif ukoll bhala bhala agenta ghan-nom tal-United Arab Shipping Company (S.A.G.)

"Il-Qorti 'ssa sejra tghaddi biex tezamina il-kwistjoni tal-poloz allegatament **foloz u qarrieqa** mahruga mis-socjetajiet konvenuti, il-kwistjoni tar-**responsabbilta`** u l-**likwidazzjoni tad-danni** sofferti mill-attur nomine.

**"Responsabilita'**

"Illi f'din il-kawza hi ta' importanza vitali l-*iter* ta' kif sehhew l-affarijiet.

"Gie stabbilit illi s-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Limited kienu marru jigbru l-containers in kwistjoni minghand il-METCO u haduhom il-Freeport fejn poggewhom fuq l-*istack* tan-Norasia Lines fejn  baqghu sakemm kellhom jergghu jinhargu mill-istess Freeport biex jitghabbew fuq ajruplan li gie *chartered* apposta biex l-istess merkanzija tintbaghat Dubai wara li rrizulta li ma kinitx tghabbiet fuq il-vapur Al-Wajba li suppost kellu jittrasporta l-istess lejn Dubai.

**"Victor Vella,** impjegat ma' Valletta Freight Services Limited, xehed li s-socjeta` konvenuta l-ohra Norasia Agencies (Malta) Limited suppost li kellha taghmel l-arrangamenti hi mal-Freeport biex il-containers jigu trasferiti mill-*istack* tan-Norasia ghal-*istack* taghhom.[2] Huwa qal ukoll illi l-informazzjoni lill-Freeport biex isir dan

[2] a fol. 368

l-ispustar ta' containers irid jaghtiha x-*shipper*[3],f'dan il-kaz in-Norasia. **David Jones**, impjegat iehor tal-Valletta Freight Services Limited, jghid illi kien l-obbligu tan-Norasia li jitrasferixxu l-containers in kwistjoni mill-*istack* taghhom fil-Freeport ghall-area tal-containers tal-vapur Al-Wajba.[4] Jghid ukoll illi t-timbru "*shipped on board*" sar minn Valletta Freight Services fuq konferma tan-Norasia li effettivament il-containers kienu tghabbew.[5] Il-konvenuti Norasia invece jirritjenu li kienet il-Valletta Freight Services Limited li suppost kellha taccerta ruhha li l-containers jitghabbew fuq vapur li tieghu huma kienu l-agenti.

"Fil-fehma tal-Qorti tirrizulta negligenza da parti tal-Valletta Freight Services Limited f'dan ir-rigward, billi huma li kienu l-agenti tal-vapur li fuqu kellhom jitghabbew il-containers kellhom l-obbligu li jaccertaw ruhhom li l-containers jitghabbew fuq il-vapur u mhux joqghodu fuq informazzjoni li tghid li tawilha l-impjegati tan Norasia Agencies (Malta) Limited. Kemm Victor Vella kif ukoll David Jones ma kienux f'posizzjoni li jikkonfermaw min mis-socjeta' Norasia kien tahom din l-informazzjoni.

"Min-naha l-ohra il-Qorti ma tistax ma ticcensurax l-agir tas-socjeta` Norasia (Agencies) Limited li, jekk l-impjegati taghha taw din l-informazzjoni lil Valletta Freight Services Limited, din certament ma setghux ikunu zguri minnha peress li hadd mill-impjegati ta' l-istess socjeta` ma kien fuq il-post biex jara li l-containers effettivament kienu tghabbew fuq il-vapur in kwisjtoni.

"Illi kemm is-socjeta Norasia Agencies (Malta) Limited u kif ukoll is-socjetajiet Valletta Freight Services Limited u United Arab Shipping Company (S.A.G.) ma ressqux provi sufficjenti li juru li huma urew ta' lanqas diligenza minima biex jaraw li kollox imur sew.

"Il-Qorti hi tal-fehma li fir-rigward tas-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Limited kien hemm nuqqas ta' dik id-

[3] a fol. 372
[4] a fol. 359
[5] a fol. 362

diligenza rikjesta biex jespletaw l-inkarigu moghti lilhom mill-METCO fil-grad rikjest skond artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili.

"Is-socjeta konvenuta Norsia Agencies (Malta) Limited kienet negligenti ghax naqset li tinforma lill Freeport dwar il-containers u biex isir l-ispustjar taghhom minn-stack ghall iehor.

"Illi minkejja li hadd minn dawk li xehedu ma ra l-containers in kwistjoni jitghabbew fuq il-vapur li kellu jittrasportahom, xorta wahda hargu poloz ta' karigu li jinsabu esebiti a fol. 22 u 24 tal-process, liema poloz jikkostitwixxu prova *prima facie* li il-merkanzija tghabbiet abbord. Dan ifisser illi jekk il-vapur assuma l-obbligu li jittrasporta l-containers in kwistjoni, anke konsiderat il-fatt illi hawn si tratta ta' *combined transport bill of lading*, l-istess vapur jew trasportatur kellu mbaghad l-oneru li jizbarka fil-port ta' destinazzjoni l-istess merkanzija. Ta' min jinnota illi taht il-*Hague Rules* il-*carrier* ghandu r-responsabilita primarja ta' li l-istivar, anke fejn din tkun effettwata mix-*shipper,* in kwantu l-istivar tal-merkanzija hu intimament konness mas-safety tal-vapur. [6] U allura s-socjeta` konvenuta Valletta Freight Services Limited nomine kienet possibilment fl-ahjar posizzjoni li tivverifika jekk il-containers effettivament tghabbewx jew le.

"Inoltre l-frazijiet ittimbrati fuq l-istess polza ta' kariku a fol. 22 fosthom "CLEAN ON BOARD" timporta ammissjoni da parte tal-vapur li rcieva l-merkanzija in kwistjoni abboard fi stat tajjeb, u fl-istess hin jimporta l-assunzjoni da parti tieghu ta' l-obbligazzjoni li jikkonsenja dik il-merkanzija fl-istess kondizzjoni fit-tmiem tal-vjagg.

"Illi s-socjetajiet konvenuti qeghdin jippuntaw subghajhom lejn xulxin biex kulhadd jipprova jevitaw r-responsabbilta eventwali tal-kundanna ghal hlas tad-danni.

"Iktar minn hekk is-socjeta` konvenuta Norasia Agencies (Malta) Limited, fin-nota ta' sottomissjonijietipprezentata

[6] Ara in partikolari Artikolu 3 u 4 tal-Hague Rules

minnha, qiegheda tipponta subajghha wkoll lejn il-principal taghha u cioe Norasia Lines ghax qed issostni li hija agixxiet fit-termini tal-mandat li kellha. Illi l-Qorti ma tarax kif qatt in-Norasia Lines setghet tat mandat lis-socjeta' Norasia Agencies (Malta) Limited sabiex tohrog poloz ta' kariku li huma inveritjieri!

“Illi ghalhekk fil-fehma ta' dina l-Qorti iz-zewg socjetajiet konvenuti proprio u s-socjeta United Arab Shipping Co. Ltd (S.A.G.) huma responsabbli fi grad indaqs bejniethom. It-tnejn imxew fuq supposizzjonijiet u taw certezzi wahda lill-ohra meta fil-fatt ma kienu accertaw xejn minn dak li fil-fatt gara. Is-socjetajiet konvenuti proprio kellhom id-dmir li juzaw il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Art. 1032 tal-Kap.16) fl-esekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilhom, haga li mill-provi jirrizulta li m'ghamlux, bil-konsegwenza illi n-negligenza da parti taghhom ikkawzat danni lill-attur nomine.

**“Danni**

“Illi skond artikolu 1125 tal-Kodici Civili **“***Kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni.*

“Illi **Alex Agius Cesario**, General Manager u Direttur tal-METCO, stqarr illi huma hallsu lis-socjeta Norasia Agencies (Malta) Limited is-somma ta' Lm24,000 li jirraprezentaw l-ispiza sabiex gie *chartered* ajruplan sabiex jiehu l-merkanzija in kwistjoni lejn Dubai halli tkun tista' tasal fil-hin ghall-Fiera.[7] Is-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Limited, ghalkemm eccepiet li mhix responsabbli ghal kwalunkwe danni sofferti mill-attur nomine, ma jirrizultax li kkontestat l-ammont reklamat mis-socjeta attrici. Min-naha l-ohra is-socjeta` Valletta Freight Services Limited proprio et nomine eccepiet illi jekk jigi dikjarat illi l-eccipjenti nomine kienu b'xi mod responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur nomine, li mhumiex, huma jkunu biss responsabbli ghac-CIF Value tal-merkanzija, u

[7] a fol. 68 tac-Citaz. Nru. 1514/93 li kienet qieghdha timxi kontestwalment mal-kawza odjerna

stante li huwa si trattava ta’ ‘exhibition goods’ dawn jista’ jkollhom biss valur negligibbli. Kompliet teccepixxi illi la s-socjeta’ Valletta Freight Services Ltd u lanqas is-socjeta’ United Arab Shipping Company, ma jistghu qatt jigu ritenuti responsabbli ghal xi danni ohra konsegwenzjali, kif qed jippretendi l-attur nomine, jew ghal xi spejjez zejda li gew inkorsi minghajr l-approvazzjoni tal-eccipjenti nomine.

“Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-argument appena espost mis-socjeta Valletta Freight Services Limited proprio et nomine. Hawn id-danni li qeghdin jintalbu mhumiex derivanti minn *mora* izda jidderivaw minn *culpa* fl-esekuzzjoni ta’ l-obbligi kuntrattwali assunti mis-socjetajiet konvenuti. Fi kliem iehor is-socjeta` attrici mhix qieghdha titlob id-danni ghaliex il-merkanzija gratilha l-hsara izda ghaliex din baqghet ma waslitx fid-destinazzjoni taghha, bir-rizultat li kellu jigi *chartered* ajurplan apposta biex igorr l-istess merkanzija sabiex tasal f’Dubai qabel ma tibda l-Fiera in kwistjoni.

“Illi ghalhekk stante li rrizulta li s-socjeta` attrici ma kellha l-ebda triq ohra kif twassal il-merkanzija Dubai sad-data stabbilita hlief bl-ajru[8], dina l-Qorti thoss li l-istess socjeta` hija gustifikata li titlob bhala danni l-ispejjez inkorsi minnha ta’ Lm24,000 biex setghet taghmel dan fiz-zmien qasir li kien baqa’ qabel tibda l-Fiera ta’ Dubai. Gie sottomess li l-attur noe ma mminimizzax id-danni u qabad u ccarterja ajruplan, izda l-attur argumenta li kieku kkancellaw il-vjagg, l-ezibituri kienu iffittxhuom ghad-danni u l-ispejjez kienu jkunu hafna aktar mill-kiri tal-ajruplan.

“Illi ghar-rigward ta’ l-apporzjonament tad-danni din il-Qorti ma thossx illi s-socjeta estera Norasia Lines kienet b’xi mod partecipanti fil-mod xejn professjonali ta’ kif inhargu l-poloz ta’ kariku u ma tarax li b’xi mod ikkontribwiet ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici.

“Illi fir-rigward tan-Norasia Agencies (Malta) Limited, ta’ Valletta Freight Services Limited u ta’ United Arab

[8] ara xhieda f’dan is-sens ta’ Joseph Galea a fol. 61 tac-Citaz. Nru. 1514/93

Shipping Company (S.A.G.) il-Qorti hija tal-fehma illi huma ghandhom jigu kkundnati solidalment ihallsu d-danni kif mitluba mill-attur nomine u dana stante illi Norasia Agencies (Malta) Limited u Valletta Freight Services Limited hargu poloz ta' karigu foloz, qarrieqa u inveritjieri, filwaqt li l-kumpanija United Arab Shipping Company (S.A.G.) kienet negligenti fis-sens li *ma* vverifikatx illi l-containers in kwistjoni gew effetivament mghobbija fuq il-vapur Al-Wajba li maghha kien ibbukkjati u konsegwentement ma wasslitx l-istess merkanzija fid-destinazzjoni taghha.

"Illi fir-rigward ta' l-imghaxijiet dovuti fuq l-ammont ta' danni likwidat iktar il fuq, la darba s-socjetajiet konvenuti ikkontestaw ir-responsabilita ghall-hlas ta' dan l-ammont, hu gust li, bl-applikazzjoni tal-principji generali tad-dritt, l-imghaxijiet jithallsu minn dakinhar ta' l-interpellazzjoni ufficjali ghall-pagament li sar bin-notifika lid-debituri ta' l-att tac-citazzjoni." ( ara "Formosa & Camilleri Ltd noe et -vs- Sea Malta Company Limited").[9] "

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti Carmelo Galea u Alfred Pollacco ghan-nom u in rapprezentanza ta' Valletta Freight Services Limited sew proprio kif ukoll bhala agenta ghan-nom tal-United Arab Shipping Company (S.A.G) li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha, fl-ewwel lok:

"… … tirriforma s-sentenza appellata tat-28 ta' Novembru 2008, fl-ismijiet fuq indikati, billi, jekk stess tigi konfermata fejn laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta l-ohra Norasia Agencies (Malta) Limited, tigi revokata fejn cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet Valletta Freight Services Ltd u United Arab Shipping Company (S.A.G) u fejn laqghet it-talbiet attrici fil-konfront taghhom u minnflok tilqa' l-istess eccezzjonijiet u tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess socjetajiet appellanti, u, in subsidium, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti xorta wahda tirritjeni li l-esponenti appellanti huma responsabbli ghad-danni, tirrevokaha fejn illiberat lis-socjeta` konvenuta

[9] Appell, 12 ta' Gunju 2000

Norasia Lines mill-osservanza tal-gudizzju u minnflok issib l-istess socjeta` wkoll responsabbli fil-konfront tal-attur nomine, kif ukoll, in subsidium, li tvarja l-ammont tad-danni likwidati fil-konfront taghhom u tikkundannhom ihallsu ammont ferm inqas minn dak likwidat li jkun jirrifletti b'mod aktar ekwu xi responsabbilta` eventwali taghhom minn din il-Qorti stabbilita, u f'kull kaz, u dejjem in subsidium, tordna li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru biss mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti – jekk l-ammont jigi konfermat minn din il-Qorti, jew mid-data tas-sentenza ta' din il-Qorti jekk l-ammont likwidat fil-konfront taghhom jigi b'xi mod varjat minn din l-Onorabbli Qorti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur noe appellat u/jew il-konvenuti l-ohra appellati jew min minnhom, skond ma jidhrilha xieraq din il-Qorti fic-cirkostanzi."

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Ripard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"… … tirrevoka u tannulla s-sentenza finali tat-28 ta' Novembru 2008 in kwantu deciza kontra taghha, u minflok tichad it-talbiet attrici fil-konfront taghha.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati."

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenuti Carmelo Galea u Alfred Pollacco ghan-nom u in rapprezentanza ta' Valletta Freight Services Ltd pro et noe ghar-rikors tal-appell ta' Norasia Agencies (Malta) Ltd li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew illi:

"… … jekk l-appell ta' Norasia Agencies (Malta) Limited jigi milqugh a bazi tal-aggravji u konsiderazzjonijiet kontenuti fil-paragrafi enumerati 3 sa 7.15.2 jew xi wiehed minnhom, l-esponenti nomine jkunu jaderixxu mieghu purche` li dan ikun ifisser li l-istess principji legali u konsiderazzjonijiet guridici jkunu applikabbli ghalihom u jwasslu wkoll ghal-liberazzjoni taghhom mit-talbiet attrici. Jekk pero` l-akkoljiment tal-appell ikun ifisser biss il-

liberazzjoni ta' Norasia Agencies (Malta) Limited, b'dan li r-responsabbilta` kollha tigi akkollata lill-esponenti nomine, allura l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti Norasia Agencies (Malta) Limited."

Rat ir-risposta tal-appell tal-attur nomine li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"… … tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-28 ta' Novembru 2008, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti, u tichad l-appell interpost mill-appellanti."

Rat ir-risposta tal-appell tal-attur nomine ghar-rikors tal-appell ta' John Ripard nomine li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"… … tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-28 ta' Novembru 2008, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti u tichad l-appell interpost mill-istess socjeta` appellanti."

Rat is-sentenza preliminari li tat din il-Qorti fit-28 ta' Ottubru 2011, li in forza taghha cahdet l-aggravju tan-nullita` tas-sentenza tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Novembru 2008, u tal-atti kollha sussegwenti;

Rat id-decizjoni wkoll preliminari li tat din il-Qorti fit-30 ta' Novembru 2012, li in forza taghha cahdet it-talbiet tas-socjeta` John Ripard & Son (Shipping) Ltd kontenuti fiz-zewg rikorsi taghha datati 26 ta' Marzu 2012;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-18 ta' Gunju 2013, li in forza tieghu aderixxiet ghan-nota konguntiva tal-partijiet dwar kif ghandu jigi rifless l-okkju ta' din il-kawza;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li waslu ghal din il-kawza jinsabu deskritti, fil-qosor, fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti riprodotta bhala parti ta’ din is-sentenza. Li gara kien illi s-socjeta` attrici inkarigat lis-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd sabiex din tittrasportalha zewg *containers* minn Malta lejn id-Dubai peress illi kellha l-hsieb tippartecipa go fiera internazzjonali li kellha ssir hemmhekk. Eventwalment, instab vapur li kien sejjer lejn Dubai u inhargu poloz ta’ karigu biex ikun jista’ jsir it-trasport. Il-*containers*, pero`, qatt ma tghabbew fuq il-vapur u baqghu fil-Freeport hawn Malta, u kellhom jittiehdu d-Dubai bl-ajru stante l-esigenza tal-fiera. Is-socjeta` attrici qed titlob id-danni ghall-ispejjez zejda li hallset.

L-ewwel Qorti sabet favur is-socjeta` attrici, u wara li lliberat lis-socjeta` konvenuta Norasia Lines mill-osservanza tal-gudizzju, sabet responsabbli lil Norasia Agencies (Malta) Ltd, lil Valletta Freight Services Ltd u United Arab Shipping Company (S.A.G) sabiex solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hamsa u hamsin elf, disa’ mija u erba’ Euro u sitta u disghin centezmi (€55,904.96) bhala danni.

Mis-sentenza appellaw, kif inghad, is-socjetajiet li nstabu responsabbli ghall-akkadut u filwaqt qed jitfghu t-tort ta’ dak li gara fuq xulxin, hemm min qed jitlob li s-socjeta` Norasia Lines tinstab hi wkoll responsabbli.

In principju, din il-Qorti tara’ li, fil-verita`, il-meritu ta’ din il-kawza mhux daqshekk ikkumplikat daqs kemm maghmul mill-partijiet. Is-socjeta` konvenuta Norasia Agencies (Malta) Ltd illum John Ripard & Son (Shipping) Ltd, dahlet f’kuntratt mas-socjeta` attrici u accettat li tiehu hsieb it-trasport taz-zewg *containers* minn Malta lejn id-Dubai. Dan l-obbligu ma wettqitux u allura hi responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-parti li maghha kkuntrattat. Skont l-Artikolu 1133 tal-Kodici Civili, id-debitur tal-obbligazzjoni (f’dan il-kaz, is-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd), ukoll jekk ma jkunx mexa b’*mala fede*, ghandu jigi

kkundannat ghad-danni, sew minhabba li jkun naqas mill-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni kemm ukoll minhabba d-dewmien fl-ezekuzzjoni taghha, kemm-il darba huwa ma jippruvax fatt estraneu ghar-rieda tieghu. F’dan il-kaz, is-socjeta` debitrici tal-obbligazzjoni ma eccepietx il-forza maggura jew l-ezistenza ta’ fatt insormontabbli u inevitabbli biex tipprova tiskolpa ruhha, izda ppuntat subghajha lejn dawk il-persuni li maghhom ikkuntrattat biex twettaq l-obbligu li assumiet verso l-attur nomine. Issa hu risaput illi ghal forza maggura, jekk tinvolvi agir ta’ terzi persuni, hu mehtieg li dawn it-terzi jkunu indipendenti mid-debitur tal-obbligazzjoni, u ma jkunux sub-kuntratturi jew persuni ohra li maghhom id-debitur jikkuntratta biex jassistuh fit-twettieq tal-obbligazzjoni li hu assuma (ara, fost ohrajn **Farrugia v. Attard**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-28 ta’ April 1998, u **Zarb v. Mondial Travel Agency** deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta’ Jannar 2009 fejn intqal hekk a propozitu ta’ kaz li jixbah il-meritu ta’ din il-kawza:

*“Affermat dan, hi t-tezi sostanzjali tad-ditta appellanti illi l-inezekuzzjoni tal-prestazzjoni minnha kienet wahda temporanja, dovuta mhux ghal xi inadempiment da parti taghha izda ghal fatt tat-terz ossija, f’dan il-kaz, il-kumpanija ta’ l-ajru Air Malta li naqset milli tipprovdi ajruplan fil-jum stabbilit ghall-garr ta’ l-appellati u passiggiera ohra. Huwa f’din il-prospettiva li d-ditta appellanti tavvanza t-teoretika illi dik l-effikacja kawzali tar-ritard fl-adempiment da parti tat-terz kellha tikkwalifika bhala casus fir-rapport obbligatoju taghha ghar-realizzar ta’ l-interessi ta’ l-appellati;*

*“Il-**Baudry-Lacantinerie** (“**Delle Obbligazioni**”, Vol. I, para. 455 pagna 504) wara li jillustra b’ezemplari x’jikkostitwixxi kaz fortuwitu u forza magguri, jissokta jispjega dan li gej:-*

*““Notiamo a questo proposito che la colpa d’un terzo, che rende impossibile l’adempimento d’una obbligazione, nei rapporti tra le parti costituisce un caso fortuito o di forza maggiore, <u>a meno tuttavia che non si tratti d’un terzo, degli atti del quale il debitore sia responsabile</u>”;*

*“In tema ghal dan li nghad u bl-applikazzjoni tal-principju suddett il-Qorti tal-Kummerc, fis-sentenza taghha tal-20 ta’ Jannar, 1930 fil-kawza fl-ismijiet “**Antonio Micallef -vs- Negte. Gius Gasan nomine**”, trattasi minn vertenza ta’ dewmien ta’ vapur ghat-trasport ta’ basal minn Malta ghal Trieste ikkuntrattat mal-kovenut nomine, irriteniet “che il convenuto si è reso non solo responsabile dei fatti del terzo, ma anche garantito l’arrivo nei giorni indicati e la caricazione da seguire entro quei giorni. Inoltre il citato si assume quella responsabilita` indipendentemente dal fatto di colui col quale ha contrattato, ne ha messo il ritardo come condizione coi caricatori e quindi egli non puo esonerarsi dal pagamento dei danni”;”*

Ifisser, f’dan il-kaz, li l-allegati nuqqasijiet li setghu wettqu l-konvenuti l-ohra kollha, minbarra s-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd, ma jistghu jkunu ta’ ebda soljev ghas-socjeta` debitrici, ghax fil-konfront tal-kreditur tal-obbligazzjoni, in-nuqqasijiet ta’ dawn “it-terzi”, huma nuqqasijiet tad-debitur tal-obbligazzjoni. Huwa dan tal-ahhar li, fil-konfront tas-socjeta` attrici, iwiegeb ghal xi nuqqasijiet li wettqu t-terzi minnha imqabda ghat-twettieq tal-obbligazzjoni (ara **Id-Dipartiment tal-Kuntratti v. Borg**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Ottubru 2011).

Dan ifisser li hija s-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd li, f’kull kaz, ghandha tinstab responsabbli ghad-danni versu s-socjeta` attrici, u dan peress li jirrizulta illi, bhala fatt, din ma wettqitx l-obbligazzjoni li assummiet (ara **Frendo v. Abela**, deciza minn din il-Qorti fl-24 ta’ Ottubru 1989, u **Zammit v. Hili**, deciza wkoll minn din il-Qorti fis-7 ta’ Ottubru 2005).

Nonostante dan, minhabba l-mod kif svolgiet din il-kawza, u l-attitudni li hadu l-partijiet, l-ewwel Qorti dahlet ukoll fir-responsabbilta` o meno tal-konvenuti l-ohra. Din il-Qorti, fid-dawl ta’ dak li ddecidiet l-ewwel Qorti, sejra titratta hija wkoll din il-materja, b’dan li jibqa’ precizat li, fil-konfront tas-socjeta` attrici, tibqa’ s-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd primarjament responsabbli ghan-nuqqas ta’

twettieq tal-obbligazzjoni. Dan l-ezami ghandu jsir ukoll ghax il-bazi principali tal-azzjoni attrici hi li nhargu poloz ta' karigu "foloz, qarrieqa u mhux veritjeri" – cioe`, li l-*containers* tabbghew fuq il-vapur meta fil-fatt baqghu l-art. Dan, pero`, ma jaghmilx l-azzjoni wahda *ex delicto*, ghax il-pozizzjoni attrici tibqa' li l-kuntratt li kellha mas-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd ma twettaqx u dan anke peress li nhargu poloz ta' karigu foloz u mhux veritjeri. Responsabbilta` *ex delicto* titwieled biss meta l-att li jaghti lok ghad-danni jkun indipendenti mill- u mhux marbut ma' kuntratt precedenti bejn il-partijiet, mentri, f'dan il-kaz, l-atti allegatament foloz u b'negligenza saru fit-twettieq ta' kuntratt, li waslu, allura ghal responsabbilta` kuntrattwali. Il-kolpa fil-prezenza ta' kuntratt, tista' tkun aquilana biss meta l-fatt ikun *"indipendenti u awtonomu mir-rapport kontratwali"* – **Borg v. Waterproofing-it Ltd** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' April 2007.

Lanqas ma hu minnu li l-bazi tal-azzjoni attrici hi msejsa fuq *dolo*. L-allegazzjoni li l-poloz ta' karigu inhargu b'mod "qarrieqa", timplika necessarjament il-frodi, pero`, l-allegazzjoni li l-poloz ta' karigu li nhargu kienu "foloz" u "mhux veritjeri" jistghu jimplikaw ukoll culpa jew agir b'negligenza.

Issa, meta tqis li mill-provi jirrizulta li l-*containers* waslu l-Freeport, gew issigillati minn ufficjali tad-Dwana, inhargu poloz ta' karigu biex jitghabbew fuq vapur li kien sejjer lejn Dubai, u nhargu dikjarazzjonijiet li l-*containers* gew *"shipped on board"* (sic), izda baqghu l-art, ghandu jirrizulta li *culpa* kien hemm zgur u ghal dan twiegeb zgur, kif inghad, is-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd.

Din il-Qorti ma taqbilx li din l-ahhar socjeta` m'ghandhiex tinsab responsabbli *de proprio*, imma biss bhala agenta ta' Norasia Lines. Is-socjeta` attrici dahlet fi ftehim ma' din is-socjeta` lokali biex twassal il-merkanzija lejn id-Dubai. Thalla f'idejha b'liema vapur isir it-trasport u b'liema linja ta' agenzija twettaq dan l-obbligu, tant li d-dokumenti gew ippreparati ghat-trasport tramite vapur operat minn agenti ohra u mhux vapur tan-Norasia Lines. Meta s-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd accettat u ddecidiet li

tittrasporta l-*containers* tramite agenzija ohra, hija dahlet f'relazzjoni diretta u *de proprio* mas-socjeta` attrici, u, minn agenta ta' Norasia Lines, assumiet obbligu li tara' kif twassal il-merkanzija lejn Dubai. Ghalkemm ir-relazzjoni kuntrattwali mal-attur nomine setghet bdiet min-Norasia Agencies (Malta) Ltd bhala agenta ta' Norasia Lines, l-istess relazzjoni kontrattwali saret wahda mas-socjeta` lokali *de proprio* meta assumiet l-obbligu li twassal, b'mod jew iehor, il-*containers* lejn id-Dubai. Din ghamlitu meta, minn rajha, iddecidiet li tikkuntratta ma' Valletta Freight Services Ltd, agenta lokali tal-United Arab Shipping Company (S.A.G), sabiex twassal il-*containers* lejn id-Dubai. F'dak il-mument ma baqghetx tagixxi bhala agenta ta' Norasia Lines, izda bhala socjeta` imqabbda biex tiehu hsieb it-trasportazzjoni tal-*containers* lejn id-Dubai. Hu, ghalhekk li din il-Qorti bdiet biex tafferma r-responsabbilta` kuntrattwali ta' din is-socjeta` de proprio lejn is-socjeta` attrici.

Meta l-vapur tan-Norasia Lines, mahsub biex igorr il-merkanzija minn Malta lejn id-Dubai, ma wasalx Malta ghax kien involut f'kollizzjoni, is-socjeta` setghet invokat il-forza maggura ghan-nuqqas ta' twettieq tal-obbligazzjoni, pero`, ghazlet li "tbiddel" il-pozizzjoni kuntrattwali taghha, u tassumi responsabbilta` <u>personali</u> li twassal il-*containers* ghal-Dubai, tramite s-servizzi ta' vapur iehor ta' linja ohra.

Is-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd tghid ukoll li hi ma ntrabtitx li twassal il-merkanzija f'xi zmien partikolari. Din id-difiza kienet tregi kieku wettqet l-obbligazzjoni taghha bid-diligenza ordinarja; kif inghad, pero`, ma' ghamlet xejn biex tipprova twettaqha ghax halliet il-*containers* warajha hawn Malta! Kif intqal minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Muscat v. Falzon**, deciza fit-12 ta' Mejju 2003, *"patt ta' ezoneru ma jezentax jekk fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt wiehed ikun tbieghed mill-mod kif suppost li kellu jesegwih."*

F'dan il-kaz, is-socjeta` kontraenti agixxiet bi vjolazzjoni cara tad-dover li assumiet, u ma tistax tinvoka klawsola ta' ezoneru meta tbieghdet minn dak li suppost kellha taghmel (ara wkoll **Formosa & Camilleri Ltd v. Sea**

**Malta Co. Ltd**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Novembru 2008, li enfasizzat fuq *"xi forma ta' twettieq"* tal-obbligazzjoni qabel ma d-debitur ikun jista' jecepixxi n-nuqqas tar-responsabbilta` tieghu a bazi ta' xi klawsola ta' ezoneru).

Ghal mod kif svolgew l-affarijiet f'din il-kawza, u x-xejra li tawha l-partijiet, din il-Qorti ma tarax li hi tista' tehles lis-socjeta` konvenuta Valletta Freight Services Ltd minn kull responsabbilta`, anke verso s-socjeta` attrici. Din tal-ahhar jidher li "assumiet" li l-*containers* kienu tghabbew fuq il-vapur li taghha kienet agent u ghamlet timbru fuq id-dokumenti tal-vapur li dawk il-*containers* gew *"shipped on board"*. Din l-assunzjoni ghamlitha fuq xi haga li ufficjal ta' Norasia Agencies (Malta) Ltd qal lill-ufficjali ta' Valletta Freight Services Ltd (ix-xhud qal li *"assumejt fuq li qaluli huma"*), ghalkemm mhux car x'kien it-tip ta' diskors li seta' ntqal. Jibqa' l-fatt li din is-socjeta` konvenuta ippartecipat b'mod attiv ghal hrug ta' poloz ta' karigu foloz, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, meta ammettiet li rceviet il-*containers* abbord, u assumiet l-obbligu li tikkonsenja l-merkanzija f'kundizzjoni tajba fit-tmiem il-vjagg – haga li ma ghamlitx u ma setghetx taghmel peress li l-*containers* thallew l-art. In-negligenza ta' din is-socjeta` kienet wahda grossolana, u kwazi kwazi tista' titqies ekwivalenti ghad-dolo peress li jammonta ghal *"deriliction of duty"* mill-aktar manifest.

Ghar-rigward tad-danni u r-responsabbilta` komuni tal-konvenuti, meta tqis li r-responsabbilta` primarja kienet tas-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd li naqset milli tesegwixxi l-obbligu li assumiet, u l-partecipazzjoni b'mod attiv tas-socjeta` Valletta Freight Services Ltd, li ghan-nom ta' United Arab Shipping Company (S.A.G) harget polza falza u minghajr ma talbet konferma kif miktub li l-*containers* kienu verament tghabbew fuq il-vapur (kif suppost u normalment isir) tara li ghamlet sew l-ewwel Qorti li kkundannat lill-entitajiet responsabbli ghal hlas tad-danni in solidum. L-obbligazzjoni hija wahda kummercjali, u b'dak li ghamlet is-socjeta` Valletta Freight Services Ltd inholqot relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif gew proposti mis-socjeta` attrici. Bejniethom

dawn l-entitajiet “hawdu wahda” bi hsara tal-interessi tas-socjeta` attrici, u filwaqt li, fir-relazzjoni interna, ghandhom jaqsmu d-danni f’ismha ndaqs, fil-konfront tas-socjeta` attrici, il-kundanna ghandha tkun wahda solidali.

Din il-Qorti ma taqbilx li s-socjeta` Valletta Freight Services Ltd ghandha tkun ikkundannata ghall-anqas danni peress li, kull ma ghamlet, kien li wriet “element ta’ fiducja zejda”. Hi ghamlet hafna aktar minn hekk: agixxiet bi ksur tal-prattika marittima u hadet decizjoni li timxi b’mod li “tehles”, inattez il-konsegwenzi. Kif inghad hi agixxiet b’culpa grossolana, li certi guristi jekwivalu ghal doluz, u ma tarax, allura, ghaliex ghandha tinheles mir-responsabbilta` in solidum.

Id-danni kif likwidati mill-ewwel Qorti gew ippruvati. Is-socjeta` attrici riedet tippartecipa f’fiera internazzjonali ta’ prestigju u fl-interess nazzjonali. Bejniethom, il-konvenuti ma tawx kaz li l-*containers* baqghu hawn Malta, u ppruvaw iwahhlu f’xulxin dwar min kellu jara’ li l-*containers* jitnehhew mill-i*stack* fejn tpoggew. Id-danni mitluba huma dawk rizultat ta’ culpa (kwazi dolo) fl-ezekuzzjoni tal-obbligi kontrattwali assunti mis-socjetajiet konvenuti. Is-socjeta` attrici kellha dritt tikri ajruplan biex igorr l-istess merkanzija lejn Dubai biex tassigura li din tasal fi zmien utili biex tkun tista’ tigi esebita fil-fiera. Mill-provi jirrizulta li s-socjeta` attrici ma kellha ebda triq ohra kif twassal il-merkanzija Dubai sad-data stabbilita hlief bl-ajru. Il-konsegwenzi kieku ma ppartecipatx fil-fiera setghu kienu kbar, u, fuq kollox, lanqas kien ikun gust li s-socjeta` attrici thassar il-partecipazzjoni taghha fil-fiera minhabba li dak li jkun naqas li jwettaq l-obbligu tieghu bil-mod li suppost kellu jaghmel. Is-socjeta` attrici saret taf li l-merkanzija ma waslitx fid-destinazzjoni taghha, mal-wasla tal-vapur f’Dubai. Kien, ghalhekk, ghadda inutilment hafna zmien, u intilef hafna hin, b’mod li s-socjeta` attrici sabet ruhha f’sitwazzjoni fejn ma kelliex ghazla ohra hlief li tibghat il-merkanzija bl-ajru, ghax ebda vapur iehor ma seta’ jwassal il-merkanzija fil-hin ghall-fiera. Ghalhekk, ma tregix is-sottomissjoni tas-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd li hi setghet issib vapur iehor biex twassal il-merkanzija fuq vjagg sussegwenti, ghaliex kien ikun ghal

xejn li vapur iehor iwassal il-merkanzija f'Dubai wara li l-fiera tkun spiccat.

Fir-rigward tal-hlas tal-imghax, huwa maghruf li l-principju *in illiquidis non fit mora* mhux wiehed assolut u l-Qorti tista', fic-cirkostanzi, tidderoga mill-istess principju. Hawn hu kaz fejn is-socjetajiet konvenuti, jekk ma kienux jafu, setghu facilment jasslu ghall-figura tal-hsara li garbet is-socjeta` attrici. Din talbet danni konsistenti "fl-ispejjez zejda minnhom inkorsi sabiex igorru l-merkanzija fuq imsemmija ghal Dubai", spejjez li kienu facilment accertabbli. Meta tqis li s-socjetajiet konvenuti ma kkontestawx il-quantum ta' dawn l-ispejjez kif murija mis-socjeta` attrici, tara li l-ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha korrettement meta ordnat li l-hlas isir bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika (l-ahhar wahda) tac-citazzjoni odjerna.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli inkwistjoni, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, filwaqt li dawk ta' dan l-istadju tal-appell jithallsu kollha mill-appellanti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------